**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 67 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Simon Agius**

Illum, 28 ta' Lulju 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Simon Agius detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 339567 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fid-19 ta' Lulju, 2011, ghall-habta tal-16:16 hrs gewwa Triq il-Ferrovija, St. Venera:

1. Saq vettura nru GBN 219 b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza.
2. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura nru IBI 742.
3. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francesca Abela skond kif iccertifika Dr. M. Spiteri M.D. Reg. 2666 mill-M.D.H. u kkaguna wkoll offizi ta'natura hafifa fuq il-persuna ta' Gino Ellul skond kif iccertifikat Dr. Chantal Fernando M.D. Reg. 5287 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni titlob lill-Qorti li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 21 ta' Jannar, 2015.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', full road traffic accident report datat 19 ta' Lulju, 2011, certifikat mediku mahrug lil Simon Agius, certifikat mediku mahrug lil Gino Ellul, certifikat mediku mahrug lil Francina Abela, affidavit ta' PS 1176 Kurt Zahra, rapport mediku mahrug minn Dr. Alec Sultana lil Francesca Abela, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid, 2 ritratti mmarkati bhala Dok AF3 u Dok AF4, ritratt immarkat bhala Dok AF5, ritratt immarkat bhala Dok AF6, motor survey report immarkat bhala Dok PA1.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Marzu, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 226 (1) (a), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 15 (1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Simon Agius hati tal-ewwel (1) imputazzjoni ghal dak li jirrigwarda s-sewqan traskurat u mhux ghal sewqan bla kont u perikoluz, u sabithu hati wkoll tat-tielet (3) imputazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-griehi ta' natura gravi fil-konfront ta' Francesca Abela izda mhux tal-griehi hfief fil-konfront ta' Gino Elull, kif dedotti kontra tieghu, u ma sabithux hati tat-tieni (2) imputazzjoni, kif dedotta kontra tieghu, ikkundannatu ghal hlas ta' multa komplessiva ta' elf Ewro (€1,000) liema multa f'kaz ta' nuqqas ta' hlas hija konvertibbli fi prigunerija.

Kif ukoll in vista tas-sejbien ta' htija fir-rigward ta' sewqan traskurat u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal tmint ijiem. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja min-nofs il-lejl u minuta tal-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Simon Agius minnu pprezentat fit-8 ta' Mejju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha, wara li tilqa' l-aggravji promossi f'dan ir-Rikors ta' l-Appell, tvarja s-Sentenza appellata billi:

1) Tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-esponenti mill-ewwel akkuza fir-rigward ta' l-akkuza ta' sewqan perikoluz;

2) Tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-esponenti mit-tieni akkuza;

3) Tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-esponenti mit-tielet akkuza fir-rigward ta' l-akkuza dwar feriti hfief sofferti minn Gino Ellul;

4) Thassarha in kwantu ghas-sejbien ta' htija ta' l-ewwel akkuza fir-rigward ta' sewqan traskurat;

5) Thassarha in kwantu ghas-sejbien ta' htija tat-tielet akkuza fir-rigward tal-feriti ta' natura gravi sofferti minn Francesca Abela;

6) U b'hekk tiddikjara li l-imputat huwa liberat minn kull akkuza.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

**1. L-EWWEL AGGRAVJU - L-esponenti ma setax jinsab hati ta' l-ewwel akkuza stante li rrizulta mill-provi li huwa ma kienx qieghed isuq il-vettura GBN-219, kif effettivament gie akkuzat**

Fl-ewwel akkuza, l-esponenti gie akkuzat li fid-19 ta' Lulju 2011 ghall-habta ta' l-16.15 gewwa Triq il-Ferrovija l-Qadima, Santa Venera, **huwa saq vettura Nru. GBN-219 b'manjiera a) traskurata, b) perikoluz.**

Mill-provi jirrizulta li l-esponenti ma kienx qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBN-219. Dak il-hin u f'dak il-mument, huwa kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni SSJ-762.

A fol. 5 u 10 tal-process, jirrizulta fl-okkorrenza stess li l-esponenti kien ix-xufier tal-vettura SSJ-762.

A fol. 12 tal-process, jirrizulta mill-iskizz li ebda vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBN-219 ma tirrafigura fl-incident de quo, izda kienet involuta l-vettura SSJ-762. Dan huwa rikonoxxut ukoll mill-Ewwel Onorabbli Qorti meta tevalwa l-ewwel akkuza f'pagna 5 tas-Sentenza appellata.

A fol. 16 tal-process, ix-xhud PS1176 Kurt Zahra, permezz ta' affidavit jikkonferma li meta sehh l-incident de quo, l-esponenti kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni SSJ-762. L-istess xhud ikkonferma l-okkorrenza u l-iskizz meta xehed fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2015, kif jirrizulta minn fol. 49 tal-process.

A fol. 47 tal-process, ix-xhud Stephen Cachia, bhala rapprezentant ta' Transport Malta, intalab mill-proskeuzzjoni jixhed dwar ir-registrazzjoni tal-vettura SSJ-762, u kkonferma li hija proprjeta` ta' l-esponenti.

Fl-udjenza ta' l-4 ta' April 2019, l-esponenti stess ikkonferma li dakinhar ta' l-incident de quo, il-vettura li huwa kien qieghed isuq kienet wahda bin-numru ta' registrazzjoni SJJ-762.

L-esponenti jissottometti bir-rispett illi kemm-il darba ma rrizultax mill-provi li huwa kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBN-219 fid-data u l-hin stabbiliti fl-akkuza, huwa ma seta qatt jinsab hati ta' sewqan traskurat jew perikoluz.

Il-kwalita` ta' sewqan kontra l-Ligi attribwita lill-esponenti hija talvolta attribwita u kollegata ma' vettura specifika, cioe` dik bin-numru ta' registrazzjoni GBN-219. Tali kwalita` sewqan kontra l-Ligi, cioe` l-manjiera traskurata u perikoluza, ma tistax tigi abbinata mas-sewqan ta' vettura ohra. **L-esponenti ma jistax jinsab hati talli saq il-vettura GBN-219 b'mod traskurat jew perikoluz, jekk effettivament huwa ma kienx qieghed isuq dik il-vettura fid-data, hin u lok stabiliti fl-akkuza.**

Illi s-sottomissjonijiet taht dan l-aggravju jmorru oltre, u minghajr pregudizzju ghall-asserzjoni ta' l-esponenti li fil-mument ta' l-incident la saq b'manjiera traskurata u lanqas b'manjiera perikoluza.

Illi ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi huwa ghandu jigi liberat mill-ewwel akkuza, fl-intier taghha.

2. **IT-TIENI AGGRAVJU - Minghajr Pregudizzju ghall-ewwel aggravju, mill-provi xorta ma jirrizultax illi l-esponenti saq b'mod traskura**

L-esponenti jissottometti bir-rispett illi dan l-aggravju qieghed isir minghajr pregudizzju, u in subordine ghall-ewwel aggravju, u ghandu jigi ttrattat f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti kellha tiddeciedi li tichad l-ewwel aggravju.

Tajjeb li jerga jigi precizat kif l-esponenti kien akkuzat li saq b'manjiera traskurata u perikoluza. Huwa instab hati li saq b'manjiera traskurata izda mhux b'manjiera perikoluza.

Kif sewwa ccitat l-Ewwel Onorabbli Qorti, id-definizzjoni ta' sewqan traskurat huwa:

"***Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*"

Mill-provi jirrizulta s-segwenti:

a) L-esponenti kien qieghed isuq fil-karreggjata tieghu, fi triq twila u dritta;

b) Il-manuvra li riedet tittenta l-parte civile Francesca Abela kienet tikkonsisti bl-invazjoni tal-karreggjata ta' l-esponenti, u l-qsim taghha, biex tasal ghall-garaxx taghha, li kien jinsab fuq in-naha tal-karreggjata ta' l-esponenti;

c) Illi peress li si tratta ta' akkuza ta' traskuragni, l-esponenti jaghmel umli referenza ghas-Sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Ltd et vs Raymond Vella**[1], li ghalkemm tittratta d-drittijiet u obbligi ta' main road user u side road user, hija facilment applikabbli ghall-kaz de quo stante li l-principju huwa identiku, ossia l-kwistjonijiet ta' diligenza u prudenza mistennija minn main road user u min ghandu l-intenzjoni li jinvadilu l-karreggjata, proprju bhall-kaz de quo:

"*... illi fic-cirkostanzi l-konvenut kellu jitqies bhala "side road user", u allura, skond gurisprudenza konkordi kellu "l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi dead slow u sahansitra iwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" - "Il-Pulizija -vs- Anthony Galea", Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (Kollez. Vol.*

[1] App. Civ. 451/03 PS deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Gunju 2005.

*XXXVII P IV p 1137); "Joseph Rizzo -vs- Paul Micallef", Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974;*

*Issokta jigi precizat fuq din it-tematika illi "min ikun hiereg minn side street ghal main road ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf ghal kollox jew johrog inching out, u jassigura li t-triq hi libera.* ***Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha*** *" - "Mark Sammut -vs- Maryse Germaine del la Fargue", Appell Civili, 2 ta' April 1976;*

*Minn dawn il-principji u konsiderazzjonijiet kollha titnissel certament il-presunzjoni, li tibqa' dejjem s intendi juris tantum illi l-main road user, una volta kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli ghall-incident sakemm is-side road user ma jippruvax illi l-main road user seta' jigi kwalifikat bhala main road abuser. Dan ifisser illi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jgib prova adegwata li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet ghal kollox jew in parti dovuta ghan-negligenza fis-sewqan tal-main road user, inkella, jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, il-main road user jibqa' sostenut mill-precitata presunzjoni. Ara "Cecil Ellul -vs Joseph Muscat", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;*"[enfasi mizjud mill-esponenti]

d) Illi fis-Sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Denise Mula) vs Natasha Mohnani**[2] intqal is-segwenti li huwa applikabbli ghall-kaz de quo:

"*Illi kif dejjem gie ritenut, "ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent , sija jekk ikun fuq it-triq id-dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha,* ***hu intuwittiv li id-driver li jkun sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra, ghandu obbligu akbar minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta , u dana ghas-semplici raguni li hu jkun ser jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fuq it-triq iddritta , mentri id-driver fuq it-triq id-dritta , ladarba ser ikompli ghad-dritt , ma jkun ser ifixkel lil hadd ." (Kollez. Vol. XXXVI , iv. p.797 ). Gie ukoll ritenut li is-"side road user" ghandu dritt li jaqsam gol "main road" meta bid-debita prudenza ikun accerta ruhu li din hija libera (App. Krim. Pul. vs. Nazzareno Borg , 12.11.1960 )***

[2] App. Krim. 75/01 JGD, deciz fil-11 ta' Lulju 2002.

***u li "side road user" irid jidhol go "main road" bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux." (App. Krim. Pul. vs. Giuseppe Galdes, , Vol. XXXVII , iv. p. 1108*** [enfasi ta' l-esponenti*)*

e) Illi ghalhekk, in tema ta' traskuragni, huwa risaput li min isuq fi triqtu huwa l-'King of the Road' u m'ghandux jistenna li haddiehor jinvadilu l-karreggjata. Biex tinstab traskuragni da parti ta' l-esponenti, ghalhekk, il-prosekuzzjoni kellha ggib provi li huwa kien 'main road abuser', haga li l-prosekuzzjoni ma ghamlitx;

f) Illi, b'kull rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-kaz odjern ma hux kwistjoni ta' proper lookout da parti ta' l-esponenti - semmai kienet il-parte civile, Francesca Abela, li kellha mhux biss oneru ta' proper lookout qabel ma tittenta l-manuvra taghha u tinvadi l-karreggjata ta' l-esponenti, izda kellha oneru magguri;

g) Illi rrizulta mill-provi li l-habta sehhet harira 'l gewwa fil-karreggjata ta' l-esponenti, li jfisser li l-manuvra ta' l-invazjoni tal-karreggjata da parti tal-parte civile kienet bdiet.[3] It-traskuragni, ghalhekk, ma tirrizultax fis-sewqan ta' l-esponenti izda f'dak tal-parte civile li kienet allura bdiet toltrepassa l-linja divizorja u bdiet tinvadi l-karreggjata ta' l-esponenti. Fil-fatt, ix-xhud Stepehn Magri mmarka l-ispot of impact bl-ittra B, proprju fil-karreggjata li kien qieghed isuq fiha l-esponenti.

h) Illi ebda xhud prodott mill-prosekuzzjoni ma kien kapaci jixhed dwar is-sewqan ta' l-esponenti, u dan ghaliex ma rawhx ghaliex kien mohhom iharsu lejn in-naha l-ohra. Il-parte civile stess, Francesca Abela, stqarret fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2015, a fol.75 tal-process, "*Minn fejn kienet gejja ma nafx. Ghax jiena d-daqqa hassejt.*"

i) Gino Ellul, **prodott mill-prosekuzzjoni**, li kien passiggier ta' l-esponenti, u li sofra feriti li dwarhom gie akkuzat ukoll l-esponenti, xehed fl-udjenza ta' l-14 ta' Jannar 2016 kif kienet il-parte civile li dahlet fl-esponenti u mhux vice versa,[4] u li l-esponenti

---

[3] Vide xhieda moghtija minn Stephen Magri fl-udjenza ta' l-14 ta' Jannar 2016, a fol. 118/119 tal-process: "*Xhud: L-incident gara lejn nofs it-triq. Pero` harira fil-karreggjata li kont jiena*." Ix-xhud kien stqarr, a fol. 114/115 tal-process, mistoqsi mill-Qorti fejn kien, "*Xhud: Issa fid-direzzjoni lejn Birkirkara kont qiegehd fuq ix-xellug.*" Dan ifisser, ghalhekk, li l-incident sehh harira fil-karreggjata li kien isuq fiha l-esponenti. Fil-fatt huwa mmarka l-ispot of impact bl-ittra B fuq l-iskizz a fol. 12 tal-process.

[4] Vide fol.129 tal-process: "*Xhud: Dahlet karozza go fina. Mis-side l-ohra.*"

kien qieghed isuq b'velocita` moderata.[5] Jikkonferma li l-parte civile ppruvat taqsam it-triq mentri l-esponenti kien miexi dritt u ma nvadiex il-karreggjata l-ohra.[6]

L-esponenti jissottometti bir-rispett illi b'ebda mod ma jista' jitqies li s-sewqan tieghu kien traskurat. Huwa kien ghaddej fuq il-karregjata tieghu ghall-affari tieghu. Il-parte civile ittentat tinvadilu l-karreggjata u l-habta sehhet effettivament fuq il-karreggjata ta' l-esponenti. Jirrizulta li s-sewqan tieghu kien moderat u hadd ma xehed li s-sewqan tieghu kien irregolari jew b'xi mod imprudenti.

L-Ewwel Onorabbli Qorti sabet illi l-esponenti "*ma uzax dak il-proper lookout halli jevita dan l-incident*....sab ruhu rinfaccat bil-vettura taghha fin-nofs vicin il-line li jissepara z-zewg karreggjati u minhabba nuqqas ta' control tal-vettura tieghu ma kellux hin bizzejjed biex inaqqas il-velocita` jew jieqaf qabel ma sehh l-impatt". B'kull rispett, din hija konkluzjoni errata. L-esponenti la kellu jnaqqas il-velocita` diga` moderata tieghu, u lanqas ma tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Dan ma jirrizulta minn imkien mill-provi. Huwa ma ghamel ebda manuvra znaturata jew li "*jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza*". Huwa kien ghaddej dritt ghall-affari tieghu u kienet il-parte civile li ghogobha tinvadi l-karreggjata tieghu u tiddisturba l-kors tat-traffiku meta din ma kenitx libera. Il-proper lookout kienet applikabbli ghall-parte civile u mhux ghall-esponenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi ghandu jirrizulta li l-esponenti ma saqx b'mod traskurat, u ghalhekk l-ewwel akkuza ma tistax tirrizulta.

### 3. IT-TIELET AGGRAVJU - L-Ewwel Onorabbli Qorti ma jidhirx li mmotivat id-decizjoni taghha biex sabet lill-esponenti hati tat-tielet akkuza sa fejn din tittratta l-feriti ta' natura gravi sofferti fuq il-persuna ta' Francesca Abela

[5] Vide fol.130 tal-process: "***Qorti****: X'velocita` kontu biha?* ***Xhud:*** *Normali.*" Vide wkoll fol. 138 tal-process: "***Xhud:*** *Jekk niftakar sew, il-velocita` taghna kienet mal-forty five kilometers per hour (45km/h), xi haga hekk. Normali. L-ohra jekk niftakar sew, kienet mis-side l-ohra qed tipprova taqsam.*"

[6] Vide fol.139/140 tal-process: "***Avukat****: ...Intom, f'liema lane kienet il-karozza taghkom:* ***Xhud****: Fuq in-naha tax-xellug.* ***Avukat:*** *Tax-xellug qed turini. Fil-hin li qlajtu d-daqqa, l-karozza li kont fiha inti, kienet dritta jew kienet qed timmanuvra lejn x'imkien?* ***Xhud:*** *Ahna konna sejrin dritti.* ***Avukat:*** *Fi dritt. U fil-hin tad-daqqa, qlajtu daqqa fid-dritt.* ***Xhud:*** *Hekk jidhirli ehe.* ***Avukat:*** *Id-daqqa fuq il-karozza taghkom, il-hsara fejn hadtuha minghand l-iSmart?* ***Xhud:*** *Fuq il-genb fuq in-naha tad-driver.*"

Fit-tielet akkuza, l-esponenti gie akkuzat talli

*"...b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew il-professjoni jew b'nuqqas ta' harsien ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francesca Abela..."*

u effettivament ta' dan instab hati.

Jidher illi meta l-Ewwel Onorabbli Qorti ezaminat it-tielet akkuza f'pagna 9 tas-Sentenza appellata hija naqset milli timmotiva ghalfejn kienet qeghdha ssib lill-esponenti hati limitatament fil-konfront tal-griehi sofferti minn Francesca Abela.

L-esponenti jissottometti bir-rispett illi jirrizulta car li l-Ewwel Onorabbli Qorti ezaminat kull akkuza separatament u ma ghadditx xi gudizzju generiku li kellu jigi applikat mat-tlett akkuzi.

Meta l-Ewwel Onorabbli Qorti fliet it-tielet akkuza, jidher illi l-Onorabbli Prim'Istanza llimitat ruhha mill-provi rrizulta tassew, bhala stat ta' fatt li l-feriti riskontrati minn Francesca Abela tassew kienu ta' natura gravi, u dan abbazi tax-xhieda ta' Dr. Alec Sultana u skond ix-xhieda ta' l-istess Francesca Abela. Madanakollu, fl-ezami tat-tielet eccezzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tezamina liema azzjoni jew ommissjoni necessarjament attribwibbli lill-esponenti kien il-kagun tal-feriti riskontrati mill-istess Francesca Abela, hekk skond kif inhi dedotta l-akkuza.

**Il-fatt wahdu li Francesca Abela soffriet griehi ta' natura gravi in konnessjoni ma' l-incident de quo ma hux bizzejjed sabiex tinstab htija fl-imputat. Kien jehtieg bilfors li, wara li gie stabbilit il-fatt tal-griehi, l-Ewwel Onorabbli Qorti tistabilixxi jekk mill-provi jirrizultax li tali griehi sehhew tassew minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew il-professjoni, jew nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku.**

L-esponenti jissottometti bir-rispett illi fl-ezami tat-tielet akkuza, ma jirrizultax li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet dan l-ezercizzju. L-Onorabbli Prim'Istanza ma tindikax ir-raguni ghalfejn qed tinstab htija taht dan il-kap. L-Ewwel Qorti ma tindikax fejn sehhet it-traskuragni da parti ta' l-esponenti, jew r-regolament tat-traffiku kiser l-esponenti, jew fejn l-esponenti wera nuqqas ta' hila. L-Ewwel Qorti

ma tezaminax effettivament id-dinamika ta' l-incident biex tistabilixxi jekk, b'att jew omissjoni, tirrizultax htija penali taht din l-imputazzjoni. L-uniku ezami li sar dwar id-dinamika ta' l-incident sar biss fl-ezami ta' l-ewwel akkuza.

L-esponenti jissottometti bir-rispett illi din il-mankanza ghandha tkun raguni bizzejjed biex tannulla s-Sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti.

4. **IR-RABA' AGGRAVJU - L-esponenti ma kellux jinsab hati talli kkaguna nvolontarjament griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francesca Abela u dan stante li la kien traskurat, la wera nuqqas ta' hila, u lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

Dan ir-raba' aggravju qieghed isir f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li t-tieni aggravju tieghu ma jisthoqqx li jintlaqa', u qieghed in subordine, u minghajr pregudizzju, ghalih.

Fit-tielet akkuza, l-esponenti gie akkuzat talli:

"*...b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew il-professjoni jew b'nuqqas ta' harsien ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francesca Abela...*"

u effettivament ta' dan instab hati.

L-esponenti jissottometti bir-rispett illi huwa ma messux instab hati, u dan stante li **mill-provi ma rrizultax li huwa jew kien traskurat fis-sewqan tieghu, jew wera nuqqas ta' hila, jew naqas b'xi mod milli jhares ir-regolamenti tat-traffiku**.

Kif diga` spjegat fl-ewwel aggravju, l-esponenti m'ghandux jinsab hati li saq b'manjiera traskurata jew perikoluza ghar-ragunijiet moghtija fl-ewwel aggravju, u dan oltre l-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti stess qieset li s-sewqan ta' l-esponenti ma jistax jitqies li kien perikoluz.

Illi dan l-aggravju bilfors ser ikollu jidhol f'ezami tad-dinamika ta' l-incident, u r-rizultanzi processwali applikabbli.

a) L-esponenti kien qieghed isuq fil-karreggjata tieghu, fi triq twila u dritta;

b) Il-manuvra li riedet tittenta l-parte civile Francesca Abela kienet tikkonsisti bl-invazjoni tal-karreggjata ta' l-esponenti, u l-qsim taghha, biex tasal ghall-garaxx taghha, li kien jinsab fuq in-naha tal-karreggjata ta' l-esponenti;[7]

c) Jirrizulta, mix-xhieda ta' l-istess parte civile Francesca Abela stess li **l-impatt sehh meta caqalqet il-vettura taghha biex taqsam il-karreggjata ta' l-esponenti**.[8] Ma kienx il-kaz, ghalhekk, li kienet wieqfa meta sehh l-incident. Dan jispjega wkoll, kif diga` rilevat u kif se jerga' jigi rilevat, kif l-ispot of impact sehhet fil-karreggjata ta' l-esponenti;

d) Illi **rrizulta mill-provi li l-habta sehhet harira 'l gewwa fil-karreggjata ta' l-esponenti, li jfisser li l-manuvra ta' l-invazjoni tal-karreggjata da parti tal-parte civile kienet bdiet**.[9] It-traskuragni, ghalhekk, ma tirrizultax fis-sewqan ta' l-esponenti izda f'dak tal-parte civile **li kienet allura bdiet toltrepassa l-linja divizorja u bdiet tinvadi l-karreggjata ta' l-esponenti**. Fil-fatt, ix-xhud Stephen Magri mmarka l-ispot of impact bl-ittra B, proprju fil-karreggjata li kien qieghed isuq fiha l-esponenti, u dan inehhi kull dubju fir-rigward.

e) Illi ebda xhud prodott mill-prosekuzzjoni ghajr Gino Ellul ma kien kapaci jixhed dwar is-sewqan ta' l-esponenti, u dan ghaliex ma rawhx ghaliex kien mohhom iharsu lejn in-naha l-ohra. Il-parte civile stess, Francesca Abela, stqarret fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2015, a fol.75 tal-process, "*Minn fejn kienet gejja ma nafx. Ghax jiena d-daqqa hassejt.*"

f) Gino Ellul, **prodott mill-prosekuzzjoni**, li kien passiggier ta' l-esponenti, u li sofra feriti li dwarhom gie akkuzat ukoll l-esponenti, xehed fl-udjenza ta' l-14 ta' Jannar

---

[7] Vide xhieda moghtija minn PS1176 Kurt Zahra fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2015, a fol. 51/52 tal-process: "*...iz-zewg vetturi kienu gejjin mill-partijiet opposti u vettura ohra kienet ser tikser ghal biex tidhol jekk mhux sejjer zball gewwa gate"; **Xhud**: Hi kienet gejja mill-parti ta' Psaila Street, u riedet taqleb fuq il-karreggjata l-ohra. **Avukat:** Jigifieri riedet tikser minn quddiem it-traffiku li kien gej min-naha opposta biex tidhol f'din il- **Xhud:** Hekk hu.*"

[8] Vide xhieda moghtija minn Francesca Abela fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2015, a fol.72 tal-process: "***Xhud**: Kont gejja bil-mod, kienet vojta Psaila Street, u ridt nidhol go Campinas, ridt indur. Triq vojta, xeghelt il-blinker, u **kif naghmel movement biex nidhol god-drive in, kienet in-naha l-ohra, nhoss daqqa kbira**...*" [enfasi ta' l-esponenti]

[9] Vide xhieda moghtija minn Stephen Magri fl-udjenza ta' l-14 ta' Jannar 2016, a fol. 118/119 tal-process: "*Xhud: L-incident gara lejn nofs it-triq. Pero` harira fil-karreggjata li kont jiena.*" Ix-xhud kien stqarr, a fol. 114/115 tal-process, mistoqsi mill-Qorti fejn kien, "*Xhud: Issa fid-direzzjoni lejn Birkirkara kont qiegehd fuq ix-xellug.*" Dan ifisser, ghalhekk, li l-incident sehh harira fil-karreggjata li kien isuq fiha l-esponenti. Fil-fatt huwa mmarka l-ispot of impact bl-ittra B fuq l-iskizz a fol. 12 tal-process.

2016 kif kienet il-parte civile li dahlet fl-esponenti u mhux vice versa,[10] u li l-esponenti kien qieghed isuq b'velocita` moderata.[11] **Jikkonferma li l-parte civile ppruvat taqsam it-triq mentri l-esponenti kien miexi dritt u ma nvadiex il-karreggjata l-ohra u laqtet il-vettura ta' l-esponenti fil-genb man-naha tax-xufier**.[12]

g) L-impatt kien tali, li wara li l-esponenti gie milqut fil-genb tieghu mill-parte civile Francesca Abela, il-vettura tieghu giet imbuttata 'off course' b'mod dijagonali, u spicca go hajt fuq in-naha tax-xellug tieghu, mentri l-vettura ta' l-istess parte civile Francesca Abela giet imbuttata lura bil-momentum tal-habta.[13]

Illi in tema dwar il-fatt li l-parte civile ma ratx il-vettura ta' l-esponenti gejja fi triq dritta, u meta kellha vizwali tajba, qabel ma ghogobha tibda tinvadi u tittraversa l-karreggjata ta' l-esponenti, l-esponenti jaghmel umli referenza ghal dak ritenut mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fis-Sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Denise Mula) vs Natasha Mohnani**[14] ghall-principji generali:

"*Ghalhekk l-appellata kellha tlett doveri : 1 dak li tieqaf kompletament biex tesplora it-through road U TIBQA' WIEQFA sa kemm tkun certa li tista' tinvadiha; 2. li izzomm kemm jista' jkun lejn ix-xellug tal-bokka wiesgha tal-junction u 'l gewwa mill-linja tat-triq biex b'hekk ikollha l-ahjar vizwali possibbli bla ma tintralcja fuq il-flow tat-traffiku transitanti fuq it-through road; u 3. li izzomm "a proper lookout" ghal traffiku gej miz-zewg nahat, partikolarment ghal traffiku gej minn fuq il-lemin taghha.*

*Illi hu ovvju li l-appellata naqset li tiehu dawn il-prekawzjonijiet bazilari u dana jirrizulta kemm mid-depozizzjoni taghha kif ukoll mill-pozizzjoni tal-vettura wara l-incident. Ibda biex, jidher li l-appellata harget fuq it-triq id-dritta bla ma esplorat sew u harget aktar lejn il-lemin milli kellha ghalfejn meta imissha zammet kemm jista' jkun lejn ix-xellug. Jidher ukoll li bil-fatt li rat il-mutur fid-distanza hekk ravvicinata li*

[10] Vide fol.129 tal-process: "*Xhud: Dahlet karozza go fina. Mis-side l-ohra.*"

[11] Vide fol.130 tal-process: "***Qorti**: X'velocita` kontu biha? **Xhud:** Normali.*" Vide wkoll fol. 138 tal-process: "***Xhud:** Jekk niftakar sew, il-velocita` taghna kienet mal-forty five kilometers per hour (45km/h), xi haga hekk. Normali. L-ohra jekk niftakar sew, kienet mis-side l-ohra qed tipprova taqsam.*"

[12] Vide fol.139/140 tal-process: "***Avukat**: ...Intom, f'liema lane kienet il-karozza taghkom: **Xhud**: Fuq in-naha tax-xellug. **Avukat:** Tax-xellug qed turini. Fil-hin li qlajtu d-daqqa, l-karozza li kont fiha inti, kienet dritta jew kienet qed timmanuvra lejn x'imkien? **Xhud:** Ahna konna sejrin dritti. **Avukat:** Fi dritt. U fil-hin tad-daqqa, qlajtu daqqa fid-dritt. **Xhud:** Hekk jidhirli ehe. **Avukat:** Id-daqqa fuq il-karozza taghkom, il-hsara fejn hadtuha minghand l-iSmart? **Xhud:** Fuq il-genb fuq in-naha tad-driver.*"

[13] Kif jirrizulta mill-iskizz a fol.12 tal-process.

[14] App. Krim. 75/01 JGD, deciz fil-11 ta' Lulju 2002.

*iddeskriviet fix-xhieda taghha - "tul ta' nofs karozza" - meta setghat ratu ferm u ferm aktar il boghod bil-vizwali li hemm, li ma kienetx qed izzomm "a proper lookout".*

*Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. Pol. vs. Joseph Vella - 10.8.1963) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , 17.6.1961). Ladarba l-appellata ma ratx il-mutur minn sew qabel li xehdet li ratu, dan bil-fors li ma ratux ghax ma esploratx sew u forsi strahet fuq il-fatt li karozza li kienet gejja mix-xellug waqfet u dehret li kienet ser iccedilha. Kienet x'kienet ir-raguni , ghala ma ratux din zgur li ma kienetx ir-raguni li tat fix-xiehda taghha quddiem din il-Qorti u cioe' il-haxix , sigar u arbuxxelli li seta kien hemm mall-gemb tat-triq , kif ikkonstatat l-istess Qorti personalment , meta accediet fuq il-post. Illi lanqas ma hu korrett dak li xehdet l-appellata li "bil-fors trid tohrog naqra 'l barra" hemmhekk ghax anki kieku s-sigar kienu jaslu sat-tarf , il-konfigurazzjoni tat-triq tippermetti 3 espolorazzjoni tajba bla ma wiehed jinvadi lanqas centimetru fuq il-karreggjata tat-"through road".*

*Illi kif dejjem gie ritenut, "ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent , sija jekk ikun fuq it-triq id-dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, hu intuwittiv li id-driver li jkun sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra, ghandu obbligu akbar minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta , u dana ghas-semplici raguni li hu jkun ser jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fuq it-triq iddritta , mentri id-driver fuq it-triq id-dritta , ladarba ser ikompli ghad-dritt , ma jkun ser ifixkel lil hadd ." (Kollez. Vol. XXXVI , iv. p.797 ). Gie ukoll ritenut li is-"side road user" ghandu dritt li jaqsam gol "main road" meta bid-debita prudenza ikun accerta ruhu li din hija libera (App. Krim. Pul. vs. Nazzareno Borg , 12.11.1960 ) u li "side road user" irid jidhol go "main road" bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux." (App. Krim. Pul. vs. Giuseppe Galdes, , Vol. XXXVII , iv. p. 1108)*

Illi inghad ukoll illi:

*"Is-'side road user ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-main road qabel johrog fiha, u li jimxi 'dead slow' u sahansitra jwaqqaf, biex jaccerta ruhhu li jista johrog bla hsara". "Il-main road user ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-side road user ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt." (Ara App.Civ. Mag.A.Stagno Navarra vs N.Saliba Vol XLV p1 p 389; Il-*

*Pulizija vs G.Buttigieg et Vol XLV11 p4 p 1198; VOl XLV1 p1 p 112; Camilleri vs Dimech App Civ. 27.7.91; Portelli vs Spiteri PA/JSP 16/12/93;PA Gauci Maistre vs Galea 22.2.94 JSP).*[15]

Illi similment, fis-Sentenza fl-ismijiet **Middlesea Insurance plc et vs Josephine Spiteri,**[16] l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) irriteniet:

"*Minn dan kollu desunt huwa indikattiv illi l-konvenuta appellata ma irrealizzatx bil-presenza tal-vettura tas-sewwieqa Aquilina jekk mhux fl-ahhar istanti qabel l-impatt. Ghax jekk ratha, kif hekk minnha sostenut, allura kellha preavviz biex tempestivament tigbed lejn in-naha taghha tat-triq. Dan ma ghamlitux. It-triq giet deskritta bhala triq wiesgha li bl-ebda mod ma giet ridotta minhabba vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat.*

*Fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-konvenuta appellata ma kienetx issuq b'dik il-prudenza li c-cirkostanzi tal-kaz kienu jiddettawlha. Jigifieri li zzomm dik il-"proper look out" necessarja biex ma tinvadiex il-karreggjata ta' l-"on coming traffic" u tistakola l-prosegwiment tal-vetturi li jkunu mexjin fil-korsija regolari taghhom.*"

Illi minn apprezzament tat-taghlim tal-Qrati taghna, applikat mall-fatti tal-kaz, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi huwa ma jistax jitqies li ghandu tort ghall-incident de quo. Ma jirrizultax li l-incident, li b'konsegwenza tieghu soffriet feriti ta' natura gravi l-parte civile Francesca Abela, sehh minhabba li huwa jew kien traskurat fis-sewqan tieghu, jew wera nuqqas ta' hila, jew naqas b'xi mod milli jhares ir-regolamenti tat-traffiku.

Il-fatt wahdu li l-parte civile Francesca Abela soffriet griehu ta' natura gravi fuq il-persuna taghha ma huwiex bizzejjed sabiex tinstab htija penali fl-esponenti. Il-prosekuzzjoni kellha tipprova, oltre d-dubju dettat mir-raguni, li l-kagun ta' tali griehi gravi, f'dan il-kaz l-incident stradali de quo, kien jorigina minn att jew omissjoni imputabbli lill-esponenti, liema att jew ommissjoni tikkostwixxi traskuragni, nuqqas ta' hila jew nuqqas ta' harsien ta' regolamenti.

---

[15] Citazzjoni mis-Sentenza fl-ismijiet **Nazzareno Azzopardi vs Maria Dolores Fenech**, deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit. 2521/00 GV) fit-30 ta' Gunju 2004.
[16] App. Civ. 858/00, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Marzu 2003.

Il-provi juru xort'ohra. Mill-provi jirrizulta li s-sewqan ta' l-esponenti kien wiehed ghaqli u b'rispett ghar-regolamenti tat-traffiku. Huwa ma ghamel ebda manuvra li tista' titqies traskurata jew bi ksur ta' xi regolament.

L-istess ma jistax jinghad ghall-parte civile. Il-manuvra li rieda tittenta l-parte civile kienet wahda perikoluza, anke jekk permessa mil-linji tratteggjati, u dan stante li biex tikkompleta l-manuvra taghha kellha bilforsi tinvadi u taqsam il-karreggjata opposta ghaliha. Dan setghet biss taghmlu wara li tassigura ruhha li din il-manuvra setghet issir minghajr ma tinterrompi l-'flow of traffic'. Huwa evidenti li dan il-parte civile Francesca Abela m'ghamlitux. Kieku, kienet tara l-vettura ta' l-esponenti, fi triq dritta u li fiha kellha vizwali tajba, u kienet thalliha tghaddi qabel ma tibda l-manuvra taghha. Kieku l-incident ma kienx isehh.

Tant hu hekk li l-momentum tal-habta kien tali li bid-daqqa, il-vettura ta' l-esponenti giet devjata 'off course' b'mod dijagonali sakemm spiccat go hajt fuq ix-xellug taghha, mentri l-vettura tal-parte civile Francesca Abela giet imbuttata lura. Din hija riflessjoni bazilari tal-fizika - kieku l-esponenti habat gol-parte civile, il-vetturi kienu jew jitkahhlu flimkien, jew inkella il-vettura tal-parte civile kienet tigi mdawwra thares lejn Birkirkara u l-vettura ta' l-esponenti tibqa fejn sehh l-impatt jew tigi imbuttata lura. Il-fatt li l-vettura ta' l-esponenti giet 'veered off course' huwa indikattiv tal-fatt li d-daqqa qalghetha, mhux tatha, u l-moviment naturali tal-vettura tal-parte civile kien li timxi b'lura.

L-esponenti jissottometti bir-rispett illi kemm-il darba jirrizulta li l-kawza prossima ta' l-incident de quo kienu n-nuqqasijiet ta' proper lookout u l-invazjoni tal-karreggjata kommessa mill-parte civile, ma jistax jirrizulta li:

"*...b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew il-professjoni jew b'nuqqas ta' harsien ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francesca Abela...*"

Jekk l-elementi ta' negligenza, nuqqas ta' hila, u nuqqas ta' harsien ta' regolamenti huma neqsin fil-persuna ta' l-esponenti, ma jistax jinsab hati tal-griehi sofferti mill-parte civile Francesca Abela. Pjuttost, ghandu jirrizulta li dawn il-griehi gew sofferti minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-istess parte civile Francesca Abela.

Ghaldaqstant, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi dan l-aggravju ghandu jintlaqa, u ghandu ghalhekk jigi liberat mit-tielet akkuza fl-intier taghha.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u esaminat ix-xhieda u kul prova prodotta f'din il-kawza

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 2020

Ikkunisdrat.

Il-Qorti ghalhekk rat dak kollu li gie imresaq quddiemha bhala provi u dan sabiex tkun f'posizjoni li tara jekk l-appellant ghandux ragun fl-appell tieghu.

Rat ix-xhieda moghtija minn **PS 1176 Kurt Zahra** nhar l-4 ta' Marzu 2013 permezz ta' affidavit esebit fl-atii fejn dan spjega illi nahr id-19 ta' Lulju, 2011 ghall-habta tal-4.00 p.m gie infurmat illi fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera kien hemm kollizjoni u kien hemm xi persuni li garbu xi griehi. Huwa mar fuq il-post u nnota li kienet sehhet kollizjoni bejn il-vettura SJJ 762 tal-ghamla Hyundai Getz misjuqa minn Simon Agius u vettura tal-ghamla Smart Pulse numru ta' registrazzjoni IGI 742 misjuqa minn Francesca Abela u bhala risultat ta' dan l-incident kien hemm vettura ohra li kienet ipparkjata li sofriet xi hsarat u cioe il-vettura tal-ghamla Hynudai Atos bin-nuru ta' registrazzjoni NOV 127. Huwa ghamel skizz ta' l-incident[17] u kkonfermah nhar il 21 ta' Jannar, 2015 seduta stante il-Qorti u tkellem mas-sewwieqa.

Jidher pero li l-feriti li sofriet Francesca Abela kienu ta' natura gravi stante li qed issofri minn disabilita ta' 10% kif kkonfermat mill-espert nominat mill-Qorti Dr Alec Sultana fejn fir-rapport tieghu[18] datat 20 ta' Awwissu, 2013 u esebit fl-atti nhar is-6 ta' Settembru 2013 .

Rat ix-xhieda ta' **Stephen Cachia** in rappresntanza tat Transport Malta moghtija nhar il-21 ta' Jannar 2015,[19] u dan ikkonferma li l-vettura tal ghamla Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni SJJ 762 ta' kulur griz hija registrata fuq l-appellant. Huwa ta' konferma ukoll dwar il-vettura tal ghamla Hyundau Atos nurmu ta' registrazzjoni NOV 127 proprjeta ta' Marica Galea u vettura Smart numru ta' registrazzjoni IBI 742 proprjeta ta' Francine Abela.

---

[17] Fol. 12
[18] Fol. 22
[19] Fol. 46

**Francesca sive Fransine Abela** xehdet nhar it-28 ta' Ottubru, 2015[20] u spjegat illi fid-19 ta' lulju 2011 kienet qed issuq il-vettura taghha IBI 742 tal-ghamla Smart u kienet gejja minn Psaila Street u ridet tidhol fi Triq Campinas. It-triq kienet vojta u xeghlet il blinker u kif kienet qed taghmel il-muviment biex tidhol gol drive in u dan ghaliex id-direzzjoni oposta kienet vojta hasset daqqa kbira u f'dqqa wahda bdiet iddur. Dak il-hin infethu l-air bags u bdiet iddur u f'daqqa wahda waqfet. Baqghet konxja il-hin kollu. Tghid li ridet iddur fuq il-lemin u ddaqqa sofrietha fuq il-lemin fuq id-drivers side. Hija esebiet ritratt li gie markat bhala dok AF3[21] biex tindika fejn hadet id-daqqa.

**Marika Galea** xehdet nhar l-14 ta' Jannar 2016[22] stqarret li nhar id-19 ta' Lulju 2011 hija kellha l-vettura taghha tal-ghamla Hyundai Atos Prime numru ta' registrazzjoni NOV 127 ipparkjata qiddiem id-dar taghha u spiccat bil-hsara. Qalet li kellha hsara fil-fanal ta' quddiem tan naha tal-lemin u kellha xi hsara fuq il-genb tal-karozza ukoll. L-incident pero' ma ratux isehh. Qalet li rat ukoll il-vettura ta' Dr Abela fi Tirq il Ferrovija Santa venera u vettura phra tla-appellant li telghet fuq il-bankina u qabzet ix-showroom ta' Cycle World.

Carmen Borg xehdet nhar l-14 ta' Jannar 2016 u spjegat li nhar id-19 ta' Lulju 2011 izda kient ma bintha pparkjata beix tohodha il-lezjoui tal-pjanu. Qalet li kienet ipparkjata u rat lil Dr Abela gejja issuq bil-mod il-mod bl-indicator qed ipetpet ghaddiet minn hdejha u sakemm dawret wiccha u qalet lil bintha li Dr Abela kienet waslet semghet hoss u daqqa u twerziqa u harget taghti ghajnuna lil Dr Abela. Kien hin wara nofsinhar u rat lil Dr Abela gejja minn hdejn it-terminus ta' B'kara fuq is-side taghha u bid-daqqa spiccat imdahla mal-bankina u l-vettura tal-appellant kient gejja mid-direzzjoni opposta u spiccat mahbuta mal-vettura li kient qed issuq Dr Abela. Ikkonfermat li Dr Abela spiccat fil-bakina bid-daqqa li qalghet. Traffiku ma tantx kien hemm. Bejn fejn kient ipparkjata hi u fejn sehh l-incident kien hemm xi distanza ta' xi ghaxar vetturi.

**Stephen Magri** xehed u spejga li jiftakar l-incident li sehh f' Luju 2011 hdejn il-Park Tower ta' Santa Venera qal li kien ipparkjat fil-vettura tieghu tal-ghamla Fiat. Qal li

---

[20] Fol. 71
[21] Fol. 80
[22] Fol. 83

kien ra l-vettura ta' Dr Abela riesqa lejh u tieqaf ftit 'l boghod mill-karozza tieghu minn fejn kien ipparkjat u f'daqqa u l-hin sar l-impatt. Qal li giet karozza min nwarajh jigifieri mid-direzzjoni opposta ta' Dr Abela u laqtitha. Mistoqsi jekk jgharafx lill-appellant jghid li ma jagharfux minkejja li kien fuq il-post meta sehh l-akkadut.

**Gino Ellul** xehed fl-istess seduta u jghid li kien passigier ma l-appellant u qal li kien ghaddejjin sejrin lejn B'kara u giet karozza Smart mid-direzzjoni opposta u habtu. Kienu tlieta fil-karozza u huwa kien qieghed bilqeda wara ix-xuffier. Muri l-iskizz jghid li jaqbel mieghu u anke ta' fejn gie indikat l-*ispot of impact.* Qal li mal-impatt ma l-Ismart spiccaw go vettura ohra li kienet ipaprkjata. Ikkonferma li Dr Abela kienet qed taqsam karozza. Qal li kienu mixjin bil-45 km/ph. Ikkonferma li meta waslu lejn l- Ismart il-vettura kienet waslet biex tikser u ghalhekk jahseb li kienet ser tghaddi minn quddiemhom. Pero' jghid li ra tikser ghal fuqhom. Jghid li kienet ser tikser biex tidhol in-naha l-ohra u jahseb li sabet *parking.*

**Philip Attard** xehed nhar l-24 ta' Jannar, 2019 u stqarr li jahdem bhala surveyor ma ASB surveyors. Huwa esebixxa is- *survey report* li ghamel fuq il-vettura Smart numru ta' registrazzjoni IBI 742 proprjeta ta' Francine Abela.

L-appellant **Simon Agius** xehed minn jeddu nhar l-4 ta' April, 2019 u kkonferma li kien qed isuq Hyundai ta' kulur griz numru ta' registrazzjoni SJJ 762 u dan nhar id-19 ta' Lulju 2011 u mieghu fil-karozza kien hemm Jessica Maria Agius u Gino Ellul. Jiftakar li kien hemm incident. Qal li kien ghaddej sejjer minn Santa Venra sejjer lejn B'kara u kien hemm traffiku li kien mixi. Kien fi Triq Psaila li hija triq twila wiesgha u ghandha zewg lanes. Kien mixi fuq il-karregjata tieghu u fil-genb u f'temp ta' sekondi ra xi hadd gej ghal fuqu u sema twerziqa u ra vettura ghal fuqu u tellghatu fuq il-parapett. Ikkonferma li l-vettura kienet gejja mid-direzzjoni opposta spiccat fuqu u dahlitu fil-hajt. Laqtitu fix-xewka tan-naha tax-xufier. Mistoqsi meta induna bil-vettura gejja ghal fuqu jghid li kien mixi normali u f'sekonda ra l-vettura fuqu. Kemm il-daqqa tieghu kif ukoll tal -vettura l-ohra kienu fuq quddiem. Qal li hu kien qed isuq bi 35km/fs u l-vettura l-ohra kellha sewqan eccessiv. Qal li kienet il vettura l-ohra li giet ghal fuqu .

In sintezi ghalhekk jirrizulta li l-incident sehh fi Triq Psaila, Santa Venera bejn il-vettura Smart misjuqa minn Dr Francine Abela u l-vettura tal-appellant. Jidher pero' li filwaqt li l-appellant jghid li kien qed isuq vettura tal-ghamla Hyundai nurmu ta' registrazzjoni SJJ 762 gie akkzuat talli kien qed isuq vettura ohra u cioe vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBN 219. l-appellant fil-fatt fl-ewwel aggravju tieghu jghid li ma jistax jinsab hati ghaliex giet indikata l-vettura zbaljata u li hu fl-ebda hin ma kien qed isuq il-vettura GBN 219. L-Avukat Generali tistqarr li huwa veru li fl-ewwel akkuza l-appellant gie akkzuat li kien qed isuq fuq vettura bin nurmu ta' registrazzjoni GBN 219 fit-tieni u tielet akkuza ma hemm l–ebda referenza ghal vettura li allegatament kien qed isuq. Id-difizia sostniet li l-incident kien wiehed u ghalhekk fin-nuqqas ta' provi ohra l-appellant kien qed isuq l-istess vettura tul l-incident kollu li skond l-akkuzi kellha in-numru ta' registrazzjoni GBN 219. Sta ghal Qorti ghalhekk tara jekk fid-dawl ta' tali prova tistax issib lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti u tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat,

Jinghad qabel xejn li l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda referenza ghal fatt li l-vettura li kien qed isuq l-appellant u cioe il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SJJ 762 ma hiex l-istess vettura li l-pulizija ghogbitha ticcita fic-citazzjoni, u dan ghaliex il-prosekuzzjoni akkzuat lill-appellant li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBN 219 u jinghad ukoll li fit-trattazzjoni traskritta li saret quddiem l-ewwel Qorti lanqas ma saret referenza ghal dan in-nuqqas ta' traskuragni. Kien biss quddiem din l-Onorabbli Qorti li tali fattur gie imqajjem u ser jigi indirizzat aktar 'l quddiem.

Fl-ewwel aggravju tal-appell, l-appellant qed jitlob li jigi liberat a bazi tal-fatt li mill-provi jirrizulta li huwa ma keinx qed isuq il-vettura indikata fic-citazzjoni u cioe dik bin-numru ta' registrazzjoni GBN 219. Stqarr li l-kwalita tas-sewqan tal-appellant hi attribwita ma kolleggjalita ma vettura specifika u ghaldaqstant fil-fehma teighu ma seta qatt jinsab hati. Il-problema ravviżata mill-appellant għalhekk hi id-differenza bejn in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura allegatament misjuqa minnu kif misjub fl-avviż għal dak li rriżulta mill-provi bħala n-numru tal-vettura li kein qed isuq dakinhar tal-incident.

L-**artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali** jaqra hekk :-

(1) *Meta ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed skont il-liġi għall-arrest ta' persuna imputata ta' reat, il-Pulizija Eżekuttiva għandha, b'ordni bilmiktub, tħarrek lil dik il-persuna biex tidher quddiem il-Qorti talMaġistrati.*
*(2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll ittwissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

Din il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs.Michael Camilleri et,[23] fejn dik il-Qorti, wara li wkoll għamlet eżami tal-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali u ta' sitwazzjonijiet fejn tirriżulta diskrepanza bejn partikolaritajiet imsemmija fl-avviż u l-provi li jirriżultaw matul il-kors tal-kawża, għamlet ukoll riferenza għal diversi sentenzi mogħtija minn dawn il-Qrati li ddipartew mill-ġurisprudenza dwar il-karatteristika tal-avviż bħala merament *avviso a comparire.*

Kien hemm każijiet fejn dawn il-Qrati iċċensuraw indikazzjonijiet ħżiena tal-ħin li setgħu faċilment ġew korretti mill-Prosekuzzjoni fuq talba appożita[24]. Pero kien hemm ukoll każijiet fejn l-aggravji kienu jiċċentraw dwar indikazzjoni ħażina fl-avviż tal-ħin li fih ikun seħħ l-allegat reat (eżempju varjazzjoni b'xi tnax il-siegħa) u li bdew jiġu milqugħa. L-argument imressaq f'dawn il-każijiet huwa li kien dmir tal-Prosekuzzjoni li tara li jekk kien hemm xi żball fl-avviż, din kellha tagħmel talba apposita għall-korrezzjoni tempestivament.[25] Din il-posizzjoni aħħarija ġiet ukoll segwita sussegwentement fil-kawża **Il-Pulizija vs Warren Piscopo**[26] nonche fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rita Theuma.**[27]

[23] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 t'April 2018
[24] Il-Pulizija vs Nicolai Magrin deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-17 ta' Marzu 2008.
[25] Il-Pulizija vs John Mary Briffa deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 t'Ottubru 2005
[26] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.
[27] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.

Fil-kawża **Il-Pulizija vs. Michael Camilleri et**, din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet aggravju li kien jilmenta l-fatt li lQorti tal-Maġistrati kienet sabet lill-imputati ħatja ta' reat li fl-avviż kien indikat li seħħ fi Triq San Duminku kantuniera ma Triq ilMerkanti, Valletta, mentri fil-fatt il-post fejn allegatament seħħ irreat mill-provi ħareġ li l-faċċata tal-fond fejn allegatament seħħ irreat kien fi Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq San Duminku. Irraġunament ta' dik il-Qorti kien li :

*Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk lindikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji iddifiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.*

Minn eżami tal-ġurisprudenza u appuntu anke mis-sentenza moghtija ricentement minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Emmanuel Azzopardi**[28] jidher li dwar dan il-punt hemm veduti differenti fuq it-tifsira li għandha tingħata lill-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali li jirrifletti wkoll filosofija differenti dwar dak li fin-natura tagħha hija ċ-ċitazzjoni fil-proċediment sommarju.

Dawn iż-żewġt posizzjonijiet legali għandhom ukoll veduta differenti dwar min għandu l-oneru jaġixxi fil-każ li jiġi skopert divarju bejn il-kontenut tal-avviż u l-provi riżultanti. Filwaqt li l-posizzjoni ġurisprudenzjali tradizzjonali tipprospetta li ċ-ċitazzjoni hija sempliċi sejħa għal dehra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, bilkonsegwenti proċeduri proprji jkunu bażati fuq il-kwerela jew denunzja li jiġu esposti viva voce quddiem il-Qorti, il-posizzjoni aktar reċenti tikkonsidra liċ-ċitazzjoni bħala dokument bażiku għallimputazzjoni ta' reati kriminali li, għalkemm trid tiġi moqrija filQorti, xorta waħda fin-natura tagħha tfassal l-imputazzjoni li tista' twassal għall-evenwali kundanna li magħha tinġarr sanzjoni penali.

---

[28] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-15 ta' Ottubru 2019

In kwantu tali, dan id-dokument kellu jkun redatt b'mod korrett u dan id-dmir jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni, li għandha wkoll iddmir tara li l-provi miġjuba minnha jkunu jaqblu ma dak imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Fil-każ li jkun hemm diskrepanza bejn iċ-ċitazzjoni u l-provi prodotti kien jispetta lill-Prosekuzzjoni li, fi stadju opportun, titlob korrezzjoni taċ-ċitazzjoni u tkompli għaddejja bil-provi tagħha fil-każ.

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' reviżjoni tassentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiru Spiteri** [29] l-Imħallef William Harding spjega wkoll li fis-sentenza **Terreni vs Gabaretta,** [30] il-posizzjoni dwar iċ-ċitazzjoni dak iż-żmien kienet illi ma kienx indispensabbilment neċessarju li l-Qorti tal-Maġistrati żżomm strettament u preċiżament mat-termini oriġinali taċ-ċitazzjoni anche meta l-proċediment ikun ex officio. Sir Antonio Micallef żied jgħid ukoll li l-Qorti setgħet fi kwalunkwe każ serenament tistrieħ fuq il-provi riżultanti wara li tkun ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni; b'dan illi jekk il-Qorti jkun jidhrilha meħtieġ jew jekk issirilha talba għal dak il-għan mill-imputat, hija kellha takkorda ftit żmien lill-imputat biex ikun jista' jħejji d-difiża tiegħu fuq dak li jkun irriżulta mill-provi.

Bil-bidla li kienet saret fl-1911, din il-posizzjoni legali dwar l-għan taċ-ċitazzjoni ma nbidletx. Dak li kien inbidel huwa l-forma tagħha intiża biex tipprovdi lill-imħarrek aktar dettalji b'mod li huwa jkun jaf aħjar dwar dak li jkun ġie mħarrek dwaru

Mid-dibatti tal-Kunsill tal-Gvern li waslu għal din l-emenda jirriżulta li l-iskop wara din l-emenda ma kienx li jibdel dak li sa dak iż-żmien kienet il-posizzjoni legali relattiva għaċ-ċitazzjoni u ċjoe li tkun isservi biss ta' mezz li bih persuna tiġi preżentata quddiem l-awtorita ġudizzjarja; u mingħajr ma din iċ-ċitazzjoni tiġi mqiegħda fuq l-istess livell tal-att tal-akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Ma kienx intiż li ċ-ċitazzjoni tingħata l-forma solenni li kellu jingħata lill-att tal-akkuża. Anzi skont l-Avukat tal-Kuruna li ppartecipa fid-dibattiti dwar din l-emenda saħaq li ċ-

[29] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 ta' Marzu 1955
[30] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-17 ta' Gunju, 1980

ċitazzjoni ma kellhiex tkun meqjusa bħala intimazjoni ta' imputazzjoni – *La citazione nella sua essenza non e' la intimazione di una imputazione* – ġie kwotat jgħid.

Anżi huwa proċediment differenti minn dak li jsir quddiem il-Qorti Kriminali in kwantu huwa proċediment sommarju. L-Avukat talKuruna saħaq li l-imputazzjoni vera hija dik li tiġi proposta quddiem il-Qorti viva voce mill-Prosekuzzjoni kontra tal-imputat. Id-dibattitu bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża ma jseħx grazzi għaċ-ċitazzjoni iżda jseħħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bis-saħħa tal-kwerela u bl-esposizzjoni tal-fatti magħmula quddiem il-Qorti da parti tal-Uffiċjal Prosekutur. Bis-sistema viġenti qabel l-1911, l-imputat kien jirċievi ċ-ċitazzjoni mingħajr ma kien ikollu indikazzjoni biżżejjed biex ikun jaf għal xiex ried jirrispondi quddiem dik il-Qorti u għalhekk kien jinħela l-ħin f'differimenti biex ikun jista' jipprepara u jiddefendi ruħu. Kien għalhekk li lAvukat tal-Kuruna kien ħass li kien aktar għaqli li filwaqt li ċċitazzjoni tibqa' dejjem dokument li bih imputat jiġi msejjaħ jidher il-Qorti, fl-istess waqt kien meħtieġ li l-imputat ikollu informazzjoni biżżejjed minn qabel biex ikun jaf b'xiex inhu mixli biex b'hekk jitla' l-Qorti preparat għall-kawża tiegħu.

Jigi rilevat li l-Liġi tippermetti li jsiru korrezzjonijiet f'dawn il-partikolaritajiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni u fil-kwereli. Kif ġie deċiż mill-Imħallef Harding fis-sentenza tiegħu **<u>Consiglio Mangion nomine vs Turu Callus et</u>** [31]. Lartikolu 360 bl-ebda mod ma jostakola tali korrezzjonijiet. Għal massimu f'każ ta' talba għal korrezzjoni l-imputat ikollu dritt li jitlob, u jaqla' differiment tal-udjenza biex ikun jista' jirregola ruħu. Il-loġika wara din il-posizzjoni hija wkoll għaliex jekk minħabba tali varjanzi l-imputat ikun ġie *misled* jew *deceived*, huwa għandu dritt li jkollu żmien jiddefendi ruħu. Apparti minn hekk il-Kodiċi Kriminali kien jippermetti korrezzjoni tal-att tal-akkuża, dokument solenni a differenza taċ-ċitazzjoni. Għalhekk kien ikun illoġiku li jkun hemm *technical strictness* akbar fil-każ taċ-ċitazzjoni li huwa dokument mhux solenni, mentri jkun hemm lok għal possibilta ta' korrezzjoni fil-każ ta' dokument solenni bħal ma huwa l-att talakkuża. Dan qed jinghad ghaleix f'din il-kawza il-prosekuzzjoni kietn traskruata hafna meta fil-fatt ma talbitx korrezzjoni fi n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura. Illi l-prosekuzzjoni kient taf bin-numru korrett

[31] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-2 ta' April 1948

tal-vettura tal-appellant sa minn meta saret l-pokkorenza esebita fl-atti u anke meta xehdu diversi xhieda fosthom Stpehen Cachia [32], PS 1176 Kurt Zahra [33] , l-iskizz esebit fl-atti a fol. 12 u anke mix-xheida li ta' l-appellant stess nhar l-14 ta' paril 2019. Ghalhekk dan hu nuqqas kbir min naha tal-pulizija esekuttiva li kient qed tipprosekwixxi din il-kawza. Pero min naha l-ohra ta' tali negligenza m ghandhiex issir ingustizzja mal-partijeit. L-appellant kien jaf dwar lliema incident awtomonlistiku kien akkzuat tant li anke ha l-pedana tax-xhieda u ghalhekk il-fatt ut sic li gie idnikat numru hazin ta' vettura fuiq il-komparixxi ma ifissirx li m ghandux jisntab hati tal-akkuzi kif dedotti kotnra tieghu. L_appellant fl-ebda hin ma cahad li sehh l-incident jew li kien involut fih. Jinghad li minkejja li l-vettura kellha numru ta' registrazzjoni indikata zbaljata ma ibiddel xejn sostanjzalment mill-incident li bih gie akkuzat l-appellant.

In omag ta' dan kif appena intqal fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Mifsud** [34], dik il-Qorti presjeduta wkoll mill-Imħallef William Harding daħlet fil-kontroversja meta jkun hemm diskrepanza fil-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni għal dak li jirriżulta mill-provi. F'dan il-każ, dik il-Qorti ddeċidiet li l-artikolu 360 jeħtieġ li fiċ-ċitazzjoni jingħataw partikolaritajiet dwar iż-żmien. B'dan il-Liġi riedet tifhem li ż-żmien setgħa jiġi kostittwit mix-xahar u mill-ġurnata jew mid-data tax-xahar u mis-sena iżda mhux neċessarjament ukoll mill-ħin – għalkemm dan ikun għaqli biex linformazzjoni fiċ-ċitazzjoni tkun kemm jista' jkun ċara u univoka.

Kif imtenni fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Bartoli** [35]deċiża minn dik il-Qorti nhar it-8 ta' Jannar 1938 l-att taċ-ċitazzjoni tnissel mill-Liġi ingliża li kienet teħtieġ li ċ-ċitazzjoni jkun fiha *reasonable information as to the nature of the charge*. U li jekk b'dik l-informazzjoni skorretta l-imputat kien iħoss li ġie *misled* jew *deceived*, huwa dejjem kellu ljedd li jitlob li jingħata differiment sabiex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi lilu nnifsu aħjar. F'dak il-każ, irriżulta li l-imputat kien ikkontesta l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u kien wera ben tajjeb li kien jaf għall-liema ċirkostanzi l-imputazzjoni kienet tirreferi u għalhekk ma kienx hemm lok li l-aggravju tiegħu fuq id-difett fiċ-ċitazzjoni jiġi milqugħ.

[32] Fol. 47 tal-process
[33] Fol. 16 tal-process fl-affidavit tieghu
[34] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-16 ta' Mejju 1953
[35] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-8 ta' Jannar 1938

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Frank Borg**[36],il-Qorti kienet qalet li :

(a) l-kunċett li fil-ġudizzji sommarji ċ-ċitazzjoni hija ordni ta' komparizzjoni kien saret kwistjoni ta' jus receptum;
(b) l-enuċjazzjoni tal-fatti kontenuti fiha mhix il-bażi essanzjali u assoluta tal-inkriminazzjoni;
(c) l-Qorti setgħet issib ħati imputat ta' reat divers minn dak li jidderiva minn dik l-enunċjazzjoni u li jkun irriżulta mill-provi li seħħ – basta li, jekk jagħmel talba apposita, l-imputat ikun jista' jingħata żmien biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni ta' dan ir-reat l-ieħor;
(d) din il-kawża wkoll kienet ippermettiet bidla fl-avviż wara li kienu ingħalqu l-provi mill-Prosekuzzjoni.
Din il-posizzjoni legali relattiva għall-istatus legali taċ-ċitazzjoni bħala merament *avviso a comparire* baqgħet tiġi segwita mill-Qrati Maltin kostantement, inkluż kważi verbatim mill-Imħallef Wallace Gulia fil-kawża **Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami** .[37]

Fil-kawża **Il-Pulizija vs Godwin Agius** [38]deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta' Jannar 2003 kienet ukoll għamlet riferenza għal diversi sentenzi preċedenti u qalet hekk : -

Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Bezzina**[39]:

"F'dan ir-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 talKodici Kriminali li jipprovdi:

*"'Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1- akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.'*

---

[36] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-6 ta' Marzu 1954
[37] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-19 ta' Ġunju 1989
[38] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta' Jannar 2003
[39] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 ta' Mejju 2004

"Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fissentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **IlPulizija vs Joseph Buttigieg** [40] intqal:

*"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911.*

*Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex ilgudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht* arrest (Art.360(1)). Din iccitazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita filqorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll linterruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami*)."

"U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza fl- ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:**[41]

*"'Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal- proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u*

[40] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-25 ta' Lulju 1994
[41] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-4 ta' Novembru 1994

*ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall- imputazzjoni dedotta.*

*"'.....*

*"'Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l- ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal- Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic- citazzjoni ma ggib in-nullita' talproceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza.*

*"Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ccitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis- sentenza taghha fl-ismijiet **IlPulizija vs Philip Schembri** moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din ilQorti (diversament presjeduta), gie spjegat:*

*"'Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il- htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.'"*

Fil-kaz in ezami, huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx indikazzjoni talhin, izda l-artikolu 360(2) ma jirreferix ghall-"*hin*" tar-reat izda ghaz- "*zmien*" u c-citazzjoni effettivament taghti indikazzjoni taz-"zmien" meta allegatament sehh ir-reat in kwistjoni meta tghid "*f'dawn l- ahhar gimghat*" li naturalment jigu kalkolati lura mid-data tac-citazzjoni (is-6 ta' April 2011). Huwa minnu li fic- citazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-lok fejn allegatament sehh ir-reat izda, apparti li l-appellant kien jaf ben tajjeb ghal liema xatba kienet qed issir referenza fic-citazzjoni, fid-dawl talgurisprudenza sucitata, tali nuqqas ma jwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni jew tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza. Konsegwentement ittalba ta' l-appellant biex is-sentenza appellata tigi dikjarata nulla hi michuda.

Fil-kawża **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** [42]deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-5 t'Awissu 2003 ġie deċiż illi :

[42] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-5 ta' Awwissu 2003

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn limputazzjonijiet kienu nieqsa mid- dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r-referenza ghall-"post", "hin" u "cirkostanzi" f'kull imputazzjoni ma hi xejn cara. Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, limputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l- ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il- prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilmment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn.

Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat f'ewwel jum tassmigh bid- difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh. Issa, fil-kaz in dizamina ma ghandniex kawza sommarja, izda kumpilazzjoni. Fi kliem iehor il- provi ingabru fuq numru ta' granet, u mill-provi mismugha wiehed seta' facilment jifhem il- "post", il-"hin" u c- "cirkostanza" ta' kull imputazzjoni. Meta, ghalhekk, lappellant Zahra gie biex jaghmel id-difiza tieghu huwa kien jaf ezattament b'liema fatti kien qed jigi imputat, u liema kienu r-reati li kienu qed jigu ipotizzati fil-konfront tieghu (u dan, naturalment, aktar u aktar wara n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali). Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Portelli** [43], ġie deċiż li n-nuqqas tal-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma kienetx iġġib in-nullita taċ-ċitazzjoni; għalkemm iddifett tagħhom jista' jġib in-nullita' fil-każ li jirrendi l-imputazzjoni inċerta. Iċ-ċitazzjoni pero xorta kienet tirrikjedi li jkun fiha fatti talakkuża li tiġbor fiha r-reat jew reati ipotizzati u li eventwalment ikunu jridu jiġu moqrija fil-Qorti mill-Prosekuzzjoni ai termini talartikolu 374 u 375 tal-Kodiċi Kriminali skont il-każ. Iċ-ċitazzjoni għalhekk xorta waħda ried ikollha fiha l-fatti li juru ċar ir-reat li bih persuna tkun qed tiġi mixlija u dan għandu jsir mingħajr il-ħtieġa ta' tiġbid ta' kliem jew immaġinazzjoni u b'tali mod li l-imputat ikun jaf dwar liema reat jew reati jkun qed jiġi mixli bihom u għal liema reat għandu jwieġeb.

Fil-kawża **Il-Pulizija vs Joseph Zammit**[44], ġie deċiż li għalkemm ma kienx hemm dubju li "għall-ħabta tal-11.00" mhuxwiex l-istess bħal "għall-ħabta ta' 14.00", l-anqas ma kien hemm dubju li l-appellant kien jaf sew għall-liema inċident il-każ kien qiegħed jirreferi. Apparti minn hekk fil-kawża **Il-Pulizija vs. Alfred Grixti** [45] differenza fil-komparixxi bejn l-isem Mary u Maria kienet ritenuta bħala li ma taffettwax l-imputazzjoni u laggravju relattiv ġie miċħud.

Illi ghalhekk in segwitu jirrizult ali l-fatt li l-prosekuzzjoni iccitat in-numru hazin m ghandux ifisser li l-appellant m ghandux jisntab hati. F dan il-kaz jignhad li l-appellant kein jaf dwar xhiex kein qed jigi akkuzat tant li iddefenda ruhu u anke ghazel li jghati ix-xhieda tieghu u ghalhekk is-sostantivita tal-azzjoni ma intmessitx b'dan l-izbal. Jinghad li minkejja li din il-Qorti ma heix ser tilqa l-ewel aggravju tal-appellant qeda twissi lill-prosekuzzjoni sbaeix toqghod aktar attenta fil-formular tac-citazzjoni u dan sabeix tevita zbalji ta' din in-natura.

Fit-tienu lok l-appellatn stqarr li huwa ma kienx qed isuq bi traskuragni u ghalhekk l-ewwel Qorti ma messitx sabitu hati ta' din it-tieni akkuza. Din il-Qorti tfakkar lill-appellant li l-funzjoni u s-setgħat ta' din il-Qorti, (f'dan il-każ bħala Qorti li tisma'

[43] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-3 ta' Marzu 1992
[44] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-13 ta' Jannar 2016
[45] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 ta' Marzu 2018

appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati), ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali [46](Sede Superjuri) fejn intqal:-

*"kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din ilQorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul millewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni flapprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghallkonkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni".*

B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk limputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-

---

[46] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991
Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox[47]

Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba millpartijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel lapprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti. Kien ghalhek li hija ghamlet riassunt tax-xhieda u tal provi loi gew imresqa f din il-kawza.

Illi jidher li l-aprte civile ridet taqsam il-karreggjata tal-appellant pero din ghamlitha b'kawzjoni kbira u dan kif stqarrew ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni l-parte civile kient qed issuq bil-mod bl-indicator mixghul u lesta beix iddur kif del rsto setghet taghmel f'dik il-parti tat-triq. Ma kien hemm l-ebda linji bojod kontiwi li jipprojbixxu lill-parte civile milli taghmel din il-manuvra. Jidher li l-impatt sehh meta l-appellatn ma rax lill-parte civile li kient qed iddur u dahal go fiha proprju fil-quddiem taghha tax-suffier kif idniakt fir-ritratti esebiti It triq fejn sehhet l-incident keitn wahda dritta u ma kienx hemm xejn x'jostakola il-visjoni tal-appellant. Mhemmx dubju li minkejja li l-appellant kien ghaddej fi triq principali kien qed isuq qawwi tant li bid-daqqa kaxkar lill-parte civile flok ma ha xi azzjoni evasiva jekk verament raha tinvadi l karreggjata tieghu kif qed jippretendi li ghamlet. Ghalhekk kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti l-appellant ma uzax il-*proper look out* waqt is sewqan tieghu u ma rax dak li hu *in plain view*[48]. Ir-ragunametn ta' l-ewwel Qorti huwa wiehed safe and satisfactory u ghalhekk ma hemm l-edba raguni l-ghala din il-Qorti ghadnha tiddipartixxi mid-diskrezzjoni uzata minnha fl-apprezzament tal-provi prodotti

[47] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

[48] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-8 ta' Awwissu 1963 il-Pulzija vs Joseph Vella

Illi l-akkuza kontra l-appellat tikkonsisti filli waqt is-sewqan tieghu saq b'manjiera traskurata u talli b'nuqqas ta' hsieb , bi traskuragni w b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna l-incident u l-feriti fuq il-passiggieri tieghu , u ghalhekk anki kieku ma kellux jirrizulta speed eccessiv per se ghax eccedenti dak regolamentari, jekk l-speed li bih l-appellant wasal biex tilef il-kontroll tal-vettura tieghu kien , kif din il-Qorti ghandha l-konvinciment morali li kien , kawza determinanti tal-incident , dan ikun jinkwadra ruhu fl-element tan-negligenza inkorporat fl-akkuza ta' sewqan b'manjiera traskurata w n-nuqqas ta' hsieb, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti li bihom qed jigi akkuzat [49].

Dan ghaliex kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Antonio Spiteri**[50]" :- "*Sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali,* " u fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Nazzareno Micallef** [51]gie ritenut li :-

*"Sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni , jinhtieg li jkun hemm "nexus", fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni."*

Illi ghalhekk anki jekk jirrizultaw in-nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew nuqqas ta' hila fis-sewqan, manifestati kif inhuma f'dan il-kaz minn speed eccedenti dak konsiljat mill-fatturi ambjentali tal-lokalita' w tal-mument, l-akkuzi kontra l-appellant jissussistu xorta wahda anki jekk il-prosekuzzjoni ma ressqitx akkuza ta' velocita' eccessiva kontra l-appellat, ghax xorta ikun jirrizulta in-ness bejn dan in-nuqqas u l-incident. Illi ghalhekk din it-tieni akkzua tirrizulta wkoll u konsegwentement it-tieni aggravju qed jigi ukoll michud.

Dwar it-tielet aggravju jinghad in segwitu mas-suespost li l-feriti li sofriet Dr Francince Ablea kienu risultat ta' din l-istess kollizzjoni li sehhet fid-19 ta' Lulju, 2013 u kif kkonferma Dr Alec Sultana nominat mill-Qorti sabiex ihejji report dwar il-feriti subiti minnha li hija illum qed issofri minn feriti ta' natura gravi stante li

---

[49] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-7 ta' Frar 2003 IlPulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami
[50] vol. XLIV, iv, p. 892
[51] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-3 ta' Dicembru 1960

ghandha debilita' permanenti ta' 10%. Kuntrarjament ghal dak eccepit fit-tielet aggravju l-ewwel Qorti spejgat li kienet qed issib htija fir-rigward ta' din l-akkuza stante li l-appellant kien traskurat u negligenti fis-sewqan tieghu u bhala risultat spicca investa fil-parte civile li kienet fit-triq ghall-affari taghha tistenna biex tidhol fil-garage bid-dawl iteptep .

Il-Qorti inotat li ma dahal l-ebda appell dwar il-piena imposta mill-ewwel Qorti u ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qeda tikkonferma is-sesntenza appellata fil-mertu qeda ukoll tikkonfermaha fil-piena u b'hekk l-aggravji kollha tal-appellant qed jigu michuda fit-totalita' taghhom.

Qeda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat l-iskwalifika tal-licenzi tas-sewqan ghall-perijodu ta' tmint ijiem liema perijodu jibda jiddekorri illum f'nofs il-lejl u ghalhekk l-appelant ghandu jiehu l-licenzja tas-sewqan tieghu lil Transport Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur